MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 155/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera Royal Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-Drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Aquilina u l-istess Anthony Aquilina**

**Vs**

**Joseph Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu [Lm330.53], hlas ta' danni komplessivi fl-ammont ta' Lm255.53 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attur li saru b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' April 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IBB 062 habat mal-vettura numru TFB 415, propjeta ta' Anthony Aquilina u misjuqa minnu, ghal liem incident huwa responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti huma s-segwenti:

(a) L-attur kien qieghed isuq il-vettura TFB 415 li fil-hin ta’ l-incident kienet ghaddejja minn Triq Schembri, Hamrun [triq principali].

(b) Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura IBB 062 li fil-hin ta’ l-incident kienet hierga minn triq Mile End, li hija triq sekondarja. Il-vizwali kienet tajba fuq iz-zewg nahat.

(c) Quddiem il-vettura misjuqa mill-attur waqfet vettura ohra, u min-naha tieghu l-attur mar fuq in-naha l-ohra tat-triq.

(d) Il-konvenut, li kien hiereg minn Triq Mile End, hares biss fuq il-lemin tieghu biex jara kienux gejjin vetturi min-naha ta’ l-Isptar. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut waqaf qabel ma ghamel il-manuvra sabiex jidhol fit-triq principali.

(e) Fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident it-triq il-wisa’ tat-triq hija tali li ma tippermettix li zewg vetturi, misjuqa fl-istess direzzjoni, ighaddu minn hdejn xulxin.

2. Huwa maghruf li l-fatt li xufier ikun qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq ma jfissirx b’daqshekk li huwa responsabbli ghall-incident [ara per ezempju sentenza riportata fil-Volum XLVII.ii.966]. Mill-provi rrizulta li quddiemu l-attur sab ostakolu, vettura wieqfa. F’dak il-

mument l-attur qabez din il-vettura. Sabiex jaghmel din il-manuvra kellu bilfors imur fuq in-naha l-ohra tat-triq. It-Tribunal m'huwiex konvint li quddiem l-attur kien hemm ringiela shiha ta' vetturi weqfin fit-traffiku u li pprova jaghmel manuvra biex jaqbez din il-linja.

3. Fil-mument li l-attur iddecida li jmur fuq in-naha l-ohra tat-triq kien jinkombi fuqu l-obbligu li jaccerta ruhu illi qabel ma jaghmel il-manuvra biex jinvadi l-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni kuntrarja, ikun jista' jibda jkompli u jtemm dik il-manuvra minghajr riskju u wkoll minghajr ma jissorprendi propju lil dak it-traffiku li, bi dritt, ikun qed juza l-karreggjata ghalih rizervata. Mill-provi rrizulta li fil-hin li ghamel din il-manuvra, il-karreggjata rizervata ghall-vetturi li kienu gejjin mill-faccata kienet vojta. Pero' hekk kif l-attur kien diehel lura jiehu postu fuq in-naha tieghu tat-triq harget vettura minn gewwa triq sekondarja. Il-hsara fil-vettura ta' l-attur kienet fil-bieba ta' wara.

4. Kullhadd jaf, jew messu jkun jaf, li l-vetturi ghaddejjin minn triq principali ghandhom preferenza fuq vetturi hergin minn triq sekondarja. *Side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel johrog fiha, u li jwaqqaf sabiex jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Atteggjament li fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut naqas minnu meta baqa' hiereg mit-triq sekondarja u ma rax dak li kien *"in plain view"*. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Stephen Thake noe vs Rev. Patri Ignatius Paul Axisa** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Imhallef J. Said Pullicino], *"l-istop sign hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex minn warajh jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel bla ma jfixkel lit-traffiku fuq it-triq principali"*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Cecil Ellul vs Joseph Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999, fost l-obbligi li ghandu sewwieq hiereg minn triq sekondarja hemm l-obbligu li ***"jaccerta ruhu li jkollu vizwali cara fiz-zewg direzzjonijiet** ta' dik it-triq*

*biex ikun jista' jassigura ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha, jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kienet tant il-boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku"* [ara wkoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell [Kriminali] mogtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani** deciza fil-11 ta' Lulju 2002]. L-obbligi tas-sewwieq li hiereg minn go *side road* ghal go triq principali jinsabu spjegati wkoll mill-awturi Macintosh and Seoble [Negligence in Delict, pagna 369], *"the driver approaching a Stop Sign* ***must look and listen in both directions*** *in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away, at what speed they appear to be progressing and then, only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection, may he proceed further"*. Mill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut jidher li minn dan kollu ma ghamel xejn, hlief li hu u hiereg hares fuq il-lemin tieghu biex jara li m'humiex gejjin vetturi min-naha tal-lemin tieghu. It-Tribunal jemmen li kieku l-konvenut agixxa bil-mod kif jitolbu r-regolamenti tat-traffiku, il-kollizjoni in kwistjoni ma kenitx issehh. Sahansitra l-konvenut wasal biex xehed li ma kellu l-ebda htiega biex ihares fuq ix-xellug tieghu.

5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ghall-incident kien is-sewqan tal-konvenut li baqa' hiereg fit-triq principali minghajr ma waqaf u esplora t-triq miz-zewg nahat.

6. B'riferenza ghad-danni dawn ma gewx kontestati u jirrizulaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm330.53), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------